MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 307/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jeffrey Cilia)**
**(Spt. Chris Pullicino)**
**Vs**
**Raymond Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Istruttorja talli :

1. nhar il-21 ta' Dicembru 2002, u fil-gimghat ta' qabel din id-data, xjentement, b'kull mod li jkun, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg haddiehor, u cioe' kwantita' ta' fliexken tal-Whisky, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
2. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi kkommetta r-reat hawn fuq imsemmi meta bhala ufficjal jew

impjegat pubbliku kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;

3. f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fil-21 ta' Dicembru 2002 u/jew f'xi dati qabel, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern, ittenta li jahrab id-Dazju tas- Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovuti, u/jew xi ligi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, billi ghin jew kellu b'xi mod x'jaqsam filli jigu mwarrba jew irtirati kontra l-ligi, mill-Freeport, merkanzija li giet importata f'Malta fl-10 ta' Novembru 2002, f'container bin-numru AWSU 1961748, kontinenti xorb alkoholiku u materjal ta' reklamar skond dokumenti tad-Dwana u ohrajn, u dan qabel l-ezami taghhom mill-Ufficjal inkarigat tad-Dwana, mhux bl- awtorita' jew taht is-sorveljanza ta' dan l-Ufficjal, b'mod li l-Ufficjal inkarigat ma jkunx jista' jiehu nota taghhom kif imiss;

4. il-valur totali tax-xorb alkoholiku jammonta ghal tnejn u ghoxrin elf u erba' u sebghin Lira Maltin (Lm22,074), Dazju tas-Sisa dovut wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u wiehed u sebghin Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm21,871.56), u l-valur tal-materjal ta' reklamar kien ta' disa' u sebghin Lira Maltin (Lm79), Dazju xejn. Il-merkanzija hija soggetta wkoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema dazju tas- Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

5. fil-21 ta' Dicembru 2002, wara intervent u tfittxija li saru mill-Ufficjali tal-Pulizija fil-fond Raymond Garage, Triq il-Barjol, Mosta, instab li xjentement laqa' ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod jaqsam fil- garr, twarrib, depozt jew habi ta' parti mill-konsenja fuq imsemmija u cioe' l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (1) sa numru (14) fil-lista annessa man-Nota ta' Qbid 2/2003;

6. il-valur tax-xorb alkoholiku jammonta ghal hdax-il elf, seba' mija u tlieta u sebghin Lira Maltin (Lm11,773); Dazju tas-Sisa dovut ghaxart elef, hames mija u ghaxar Liri Maltin u sitt centezmi (Lm10,510.06). Ix-xorb alkoholiku huwa soggett ukoll ghat-

Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

7. fl-istess data u cirkostanza fil-garage fuq imsemmi, instab li xjentement laqa' ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (15) sa numru (17) fin-Nota ta' Qbid fuq imsemmija;

8. il-valur u d-Dazju tas-Sisa jammontaw ghal mitejn u disa' u tletin Lira Maltin (Lm239) u disa' mija u disa' u disghin Lira Maltin u tmien centezmi (Lm999.08), rispettivament, liema Dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

9. dan bi ksur ta' l-Artikoli 60(a)(c)(e)(k) u 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l- paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Kap 37 u l-Artikoli 16(j)(n) u 17(a)(b) ta' l-Att XVI 1995 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. f'isem il-Kummissarju tal-VAT, talli fil-21 ta' Dicembru 2002, u/jew f'xi data qabel, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern, ittenta li jahrab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovuta, billi ghin jew kellu b'xi mod x'jaqsam filli jigu mwarrba jew irtirati kontra l-ligi, mill-Freeport, merkanzija li giet importata f'Malta fl-10 ta' Novembru 2002 f'container bin-numru AWSU 1961748, kontinenti xorb alkoholiku u materjal ta' reklamar skond dokumenti tad-Dwana u ohrajn, u dan qabel l-ezami taghhom mill-Ufficjal inkarigat tad-Dwana, mhux bl-awtorita' jew taht is- sorveljanza ta' dan l-Ufficjal, b'mod li l-Ufficjal inkarigat ma jkunx jista' jiehu nota taghhom kif imiss;

11. il-valur totali tax-xorb alkoholiku jammonta ghal tnejn u ghoxrin elf u erba' u sebghin Lira Maltin (Lm22,074), Dazju tas-Sisa dovut wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u wiehed u sebghin Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm21,871.56), u l-valur tal-materjal ta' reklamar kien ta' disa' u sebghin Lira Maltin (Lm79), Dazju xejn. Dawn l-oggetti ghandhom valur totali ta' erba' u erbghin elf, erba' u ghoxrin Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm44.024,56), li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa

tammonta ghal sitt elef sitt mija u tliet Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm6603.68), liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap 406);

12. fil-21 ta' Dicembru 2002, wara intervent u tfittxija li saru mill-Ufficjali tal-Pulizija fil-fond Raymond Garage, Triq il-Barjol, Mosta, instab li xjentement laqa' ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' parti mill-konsenja fuq imsemmija u cioe' l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (1) sa numru (14) fil-lista annessa man-Nota ta' Qbid 2/2003;

13. il-valur tax-xorb alkoholiku jammonta ghal hdax-il elf seba' mija u tlieta u sebghin Lira Maltin (Lm11,773); dazju tas-Sisa dovut ghaxart elef hames mija u ghaxar Liri Maltin u sitt centezmi (Lm10,510.06), valur totali ta' tnejn u ghoxrin mitejn u tlieta u tmenin Lira Maltin u sitt centezmi (Lm22.283.06), li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal tlett elef tlett mija u tnejn u erbghin Lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm3342.46), liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap 406);

14. fl-istess data u cirkostanza, fil-garage fuq imsemmi nstab li xjentement laqa' ghandu, gie fil-pussess, zamm, heba, u/jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigu milqugha, mizmuma jew mohbija u/jew xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, fit-twarrib, depozt jew habi ta' l-oggetti li jidhru mmarkati minn numru (15) sa numru (17) fin-Nota ta' Qbid fuq imsemmija;

15. il-valur u d-Dazju tas-Sisa jammontaw ghal mitejn u disa' u tletin Lira Maltin (Lm239) u disa' mija u disa' u disghin Lira Maltin u tmien centezmi (Lm999.08), rispettivament, valur totali ta' elf mitejn u tmienja u tletin Lira Maltin u tmien centezmi (Lm1238.08), li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal mija u hamsa u tmenin Lira Maltin

u wiehed u sebghin centezmu (Lm185.71), liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap 406);

16. finalment, il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, terz tal-piena tal- flus, jitqies bhala dejn Civili u ghandu jigi dikjarat fl-ghoti tas- sentenza li hu dovut u li ghandu jithallas lill-Gvern u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti li taghti s-sentenza bl-istess mod bhallikieku nghatat f'azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Lulju, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 21, 17, 28A, 23 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' malta, l-Artikoli 60 u 62 tal-kap. 37, l-Artikoli 16 u 17 ta' l-Att XVI 1995, sabet lill-appellat hati ta' l-1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 12, 13, 14 u 15 il-akkuza waqt li lliberatu mill-akkuzi l-ohra dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin.

In oltre, l-Qorti ordnat il-konfiska tax-xorb alkoholiku esebit skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 t'Awissu, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija fejn saret ammissjoni w tikkonferma l-liberazzjoni fl-akkuzi l-ohra izda tbiddel u thassar il-piena w minflok tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti:- l-Ewwel Qorti ikkonsidrat li f' dan il-kaz kellha tapplika l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali w tinzel taht il-minimum. Illi hu veru li iben l-appellat kellu kondizzjoni medika, izda din mhux raguni specjali w straordinarja indikata fl-artikolu 21 tal-Kap.9. Illi kullhadd hu soggett ghall-mard u spejjez kbar ghall-kura relattiva, izda dan

qatt ma ghandu jaghti gustifikazzjoni ghall-kommissjoni ta' reati kriminali biex isir profitt illecitu. F' dan il-kaz l-iskop dikjarat tal-appellat kien li jaqla' hafna flus malajr u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kelliex tapplika l-art. 21 . Inoltre l-hlas tal-multa w l-hlas tad-dazju w VAT hija tassattiva w mhux eskluza bl-ebda mod. Ghalhekk kellha tinghata l-piena karcerarja sospiza bil-multa relattiva inkluz il-hlas tad-dazju w VAT.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Illi skond l-artikolu 88 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap.37), u l-artikolu 36(2) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap.382), l-Avukat Generali jkollu dejjem jedd ghal appell lill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali, minn kull decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja dwar procedimenti kriminali li jinqalghu mid-dispozizzjonijiet ta' dik l-Ordinanza. Inoltre, bl-emendi ghall-Kodici Kriminali li gew introdotti bl-Att III tas-sena 2002, u partikolarment bl-introduzzjoni tal-art. 413 (1) ( c ), l-Avukat Generali nghata dritt t' appell b' mod generali fil-kazijiet kollha li ma jaqghux taht dawk kontemplati fis-sub sub-inciz (b) tal-artikolu 413(1) u dan ovvjament jinkludi appell dwar il-piena.,

L-Avukat Generali qed jipprevalixxi ruhu minn dan id-dritt t' appell moghti lilu bil-ligi w qed jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tapplika l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali biex tinzel taht il-minimum.

Dan l-artikolu tal-ligi, gja l-artikolu 23A, li kien gie introdott bl-Ordinanza XII tal-1944 u gie emendat bl-Att XXI tal-1971, jipprovdi li l-Qorti tista' , ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, taghti dik il-piena izghar li, **fid-diskrezzjoini taghha**, tkun tixraq, ghad illi jkun hemm stabbilit l-inqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat.

Ikkonsidrat;

Illi, fl-ewwel lok, dejjem gie ritenut li biex jigi applikat dan l-artikolu, l-Qrati jridu jaghmlu riferenza espressa ghalih fis-sentenza. Inoltre iridu jelenkaw fid-dettall ir-ragunijiet specjali w straordinarji li skondhom iwasslu ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu. Dawn ir-rekwiziti gew osservati mill-lat formali fis-sentenza appellata.

Li qed jattakka l-Avukat Generali fl-aggravju tieghu hi proprju **d-diskrezjoni** li l-ligi thalli f' idejn il-Qorti li tkun iddecidiet li tapplika dan l-artikolu, w cioe' jekk ir-ragunijiet li tat l-ewwel Qorti setghux oggettivament jitqiesu li kienu talment specjali w straordinarji li kellhom iwasslu biex il-Qorti ma tapplikax il-multa w kwalsiasi piena pekunjarja ohra li tippreskrivi l-ligi.

Illi mill-ezami tas-sentenza appellata johrog li l-motivazzjoni ghala l-Ewwel Qorti ddecidiet li tapplika piena taht il-minimu preskritt mill-Ligi kienet bazata fuq il-"*fatt principali li  t-tifel ta' l-imputat ibati minn marda severa daqs kemm hi rari, u cioe':  'fragile X syndrome', marda li ghaliha ma hemmx fejqan. Illi din il-marda tirrikjedi kura kostanti, stante li dan it-tifel, Juan Matthias, ibati minn accessjonijiet spissi u qawwija u jehtieg ukoll il-kura li trid tinkiseb minn barra dawn il-Gzejjer…….*"

u tkompli tghid :

*"Illi din il-Qorti temmen illi taghbija finanzjarja fuq l-imputat minhabba l-htigijiet medici u kontinwi tat-tifel, kienet il-kawza li ghelbet lill-imputat f' tentazzjoni ghal "'proverbial quick buck' biex ghamel dak li ghamel.'*

*"Illi b' konsegwenza ta' dan l-agir iddisprat ta' l-imputat, huwa mhux biss tilef l-impiefg tieghu, imma ghad irid ihallas efuf kbar lil terzi persuni ghal xorb illegali li akkwista. Di piu', jidher illi l-mara ta' l-impiutat dahlet f' depressjoni konsegwenza mhux biss tas-sahha dghajfa tat-tifel, imma wkoll bl-inkwiet tar-ragel taghha. Li kieku din il-Qorti tinfliggi l-multa stabbilita ordinarjament ghar-reati dedoitti kontra l-imputat, tkun qeghdha in effett , tiddistruggi l-familja intiera ta' l-imputat.."*

Dawn, skond l-Ewwel Qorti, kienu ir-ragunijiet specjali w straordinarji li wassluha biex tapplika l-artikolu 21 tal-Kap.9 u ma tapplikax multa ghan-nuqqas ta' hlas tas-dazju tas-sisa u tat-taxxa fuq il-valur mizjud ( VAT).

Issa, kif gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti (diversament preseduta mill-Onor. Imhallef - illum Prim' Imhallef - Dr. V. De Gaetano) fl-appell kriminali : **"Il-Pulizija vs. Joseph Scicluna"** [30.10.2000] :-

*”Il-gurisprudenza in materja hi fis-sens segwenti: filwaqt li huwa minnu li jekk ma jissemmewx fis-sentenza ir-ragunijiet specjali u (mhux "jew") straordinarji, l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ghandu jitqies li ma giex applikat, mhux kullma l-Ewwel Qorti tipprospetta fis-sentenza bhala ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom necessarjament jigu accettati minn din il-Qorti (cioe' mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali) bhala tali. Ir-ragunijiet specjali u straordinarji migjuba fis-sentenza appellata huma sindakabbli minn din il-Qorti ghall-finijiet ta' appell taht l-artikolu 413.. ..tal-Kodici Kriminali. Huwa proprju ghall-finijiet ta' tali sindakabilita' li l-istess artikolu 21 jipprovdi li dawn ir-ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom "* jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza" . *Kieku kien mod iehor ifisser li l-Qorti Inferjuri tista' ssemmi l-aktar ragunijiet assurdi jew ordinarji u tikkwalifikhom bhala "specjali u straordinarji" u l-Avukat Generali xorta wahda ma jkunx jista' jappella taht l-artikolu 413 (1) (b) (iii) imsemmi. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din qatt ma kienet l-intenzjoni tal-legislatur. Mil-banda l-ohra din il-Qorti dejjem ikkoncediet margini ta' diskrezzjoni wiesgha hafna lill-Ewwel Qorti ghal dak li hu apprezzament ta' x' jammonta jew ma jammontax ghal "ragunijiet specjali u straordinarji". Fi kliem iehor, l-artikolu 21 irid jigi osservat kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza u meta ma jigix hekk osservat l-Avukat Generali jkollu dritt ta' appell fuq punt ta' dritt minn dik is-sentenza. Jekk, pero' l-artikolu 21 ikun gie osservat fil-forma u r-ragunijiet migjuba bhala "specjali u strardinarji" ma jkunux mad-daqqa t' ghajn frivoli, din il-Qorti ma tissostitwix l-apprezament taghha dwar dawk ir-ragunijiet ghall-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti."*

(ara wkoll l-appelli kriminali : **"Il-Pulizija vs. John Chetcuti"** [23.6.1992]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Difesa"** [15.11.1996]; "**Il-Pulizija vs. Francis Axisa"** [17.10.1997] ; **"Il-Pulizija vs. Joseph Borg"** [17.10.1997]; **"Il-Pulizija vs. Anthony Fenech"** [17.10.1997] u **"Il-Pulizija vs. Simon Camilleri u omissis"** [5.1.1999]

Fis-sentenza taghha fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rose Spiteri sive Rose Al Atkumi"** [4.2.1982], il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) , meta kkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn l-Ewwel Qorti kienet erogat piena ta' kwazi n-nofs tal-minimum stabilit fil-ligi ghar-reat ta' bigamija, qalet :-

*"…kif intqal fis-sentenza ta' l-24 ta' Novembru, 1962 tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza* ***: "Il-Pulizija vs. Portughas"*** *(Vol. XLVI. Iv.918) 'ir-revizjoni tal-piena irrogata mill-Qorti ta' l-ewwel istanza ma ghandhiex tigi affrontata bil-kriterju personali u soggettiv u mhux necesarjament identiku ta' gudikant wiehed u iehor fil-latitudini tal-minimu u massimu tal-piena kontenuta fil-ligi, imma ghandha tigi aktar ragonevolment ispirata ghal indagni objettiva, dik cioe', li l-gudikant fl-appell ghandu jara jekk il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti (apparti x' kienet tkun dik li kien jaghti huwa stess kieku kien qieghed fl-ewwel istanza) hijiex, fil-kwadru tal-kaz, manifestament eccessiva jew gravuza jew sproporzjonata."*

Illi fl-appell kriminali **"Il-Pulizija vs. Josephine sive Joanne Vella , et."** [29.7.2002] gie ritenut li :-

*"Ghall-finijiet tal-artikolu 21, kull kaz irid jigi ezaminat bir-reqqa u fuq il-merti tieghu…"* u li *"taht l-artikolu 413 (1)( c ) - l-Avukat Generali jkollu dritt jappella …anki fuq il-quantum tal-piena moghtija , sia jekk ikun gie applikat l-artikolu 21 u sia jekk le. Din id-dispozizzjoni l-gdida jekk uzata sew mill-Avukat Generali, ghandha sservi biex tigi mnaqqsa d-disparita' fil-pieni moghtija mid-diversi Qrati Inferjuri, kif ukoll biex tirrettifika dawk il-kazijiet fejn il-piena mogfhtija mill-Qorti Inferjuri tkun manifestament zbaljata ghall-kaz li kellha quddiemha."*

Ikkonsidrat;

F' din il-kawza l-appellat kien qed jiffaccja akkuzi diversi ta' reati kontemplati f' diversi ligijiet. Hekk l-ewwel zewg akkuzi ta' ricettazzjoni w tal-aggravanti li kkommeta dar-reat meta bhala ufficjal pubbliku kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi, kienu jaqghu taht il-Kodici Kriminali u punibbli bil-piena ta' prigunerija. Ta' dawn instab hati mill-Ewwel Qorti. It-tielet u r-raba' imputazzjoni jaqghu taht l-artikolu 62(e) (h) tal-Ordinanza tad-Dwana u minn dawn gie liberat. Il-hames, is-sitt, is-seba' w t-tmin imputazzjoni, jaqghu taht l-artikoli 16(j) u (n) u 17 (a) u (b) tal-Kap. 382 Dwar id-Dazju tas-Sisa, u hawn il-piena tassattiva hija dik tal-multa ta' mhux aktar minn hamest elef lira w l-konfiska tal-oggetti. Ta' dawn l-akkuzi l-appellat instab hati. L-appellat gie liberat mil-ghaxar u l-hdax l-imputazzjoni . L-ahhar erba imputazzjonijiet jaqghu taht l-artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fejn il-piena tista' tkun wahda tal-multa, jew tal-prigunerija jew tal-multa u prigunerija flimkien. L-appellat instab hati ta' dawn l-akkuzi.

Illi l-artikolu 87 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap.37) u l-artikolu 83(4) tal-Att tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap.406) jiddisponu li l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali w l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin ma japplikaw ghall-ebda reat kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza tad-Dwana jew ta' xi regolamenti maghmula bis-sahha taghha jew ghal xi sejbien ta' htija taht il-Kap.406. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tapplika l-artikolu 21 tal-Kap.9 fil-kaz tar-reati taht dawn iz-zewg ligijiet.

Ma jidhirx pero' li hemm impediment  simili fil-kaz tar-reati taht l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap.382).

B' dana kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, r-ragunijiet imsemmija mill-Ewwel Qorti biex jiggustifikaw l-applikazzjoni tal-art. 21, anki fir-rigward tar-reati taht din l-ahhar ligi ma humiex tali li jistghu jigu klassifikati li huma

specjali w straordinarji. Kieku l-Qrati kellhom jargumentaw b' dan l-mod, kull min ikun afflitt b' xi marda serja jew ikollu xi membru tal-familja tieghu hekk marid, ikollu *'carte blanche'* biex jikser id-dispozizzjonijiet kollha tal-ligijiet kriminali w fiskali bil-garanzija li ma jkunx ser ikollu jiffaccja r-riguri tal-ligi jekk mhux addirttura li ser igawdi impunita' assoluta. Din il-Qorti qatt ma tista' taccetta li r-ragunijiet moghtija mill-Ewwel Qorti setghu jiggustifikaw l-applikazzjoni tal-artikolu 21. Jigi osservat li l-ksur tal-ligi ammess mill-appellat kien jinvolvi operazzjoni kbira li fiha kien qed ibiegh u jispaccja xorb alkoholiku minghajr ma fuqu ikun thallas id-dazju tas-sisa u t-taxxa fuq il-valur mizjud. Din l-operazzjoni kienet tinvolvi eluf ta' liri w bil-fors li l-appellat kien "*in funds"* (ghalkemm qal li kien issellifhom minnghand xi hadd li ma riedx jghid min hu) biex ikun jista' jippromovi w jiffinanzja tali operazzjoni. Dawn il-fondi seta' facilment iddedikhom ghall-fejqan ta' ibnu minnflok ghall-attivita' illegali minnu intrapriza. U jekk verament kien issellef xi flus minnghand xi 'benefattur', dan zgur li kien jisilfu flus ghal kawza aktar meritevoli w cioe' biex jikkura lill-ibnu mill-mard, milli biex jindahal ghall-entrapriza ta' spaccar ta' merkanzija bla dazju tas-sisa. Li umbaghad l-Ewwel Qorti ssemmi bhala raguni specjali w straordinarja l-fatt li l-appellat ghad irid ihallas lil min hu kien akkwista l-xorb in kwistjoni minn ghandu hija l-kolmo ta' apprezzament hazin. Fl-ewwel lok ghax hu dejjem jista', jekk jigi imfittex ghall-hlas tal-prezz tax-xorb li rrizulta li kien misruq u li fuqu ma thallasx id-dazju tas-sisa, jeceppixxi l-causa illecita jew immorali li ggib fix-xejn kull obbligazzjoni tieghu w, fit-tieni lok, ghax dan ikun ifisser li biex jithallsu ghall-eghmil delittwuz taghhom il-persuni li fornew lill-appellat bix-xorb, l-erarju pubbliku ikun irid jitlef l-introjtu mit-taxxa w dazju tas-sisa altrimenti dovuti. Ghalhekk din il-Qorti, f' dan il-kaz, apparti li l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tapplika l-art. 21 fir-rigward tar-reati taht l-Ordinanza tad-Dwana w l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, tara li d-diskrezjoni li applikat l-Ewwel Qorti kienet f' dan il-kaz manifestament zbaljata w ghalhekk ghandha tigi revokata.

F' dan il-kaz, ghalkemm il-prosekuzzjoni, fil-kors tat-trattazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, kienet iddikjarat li ma

kientx kontra li, ghar-rigward tal-piena karcerarja, din tkun wahda sospiza a tenur tal-art. 28A tal-Kap. 9, u dan in vista tal-ammissjoni, tal-ko-operazzjoni mall-investigaturi, tal-fatt li l-appellat kien pront jixhed kontra terzi, kif ukoll minnhabba l-mard tal-iben l-appellat, mill-banda l-ohra kienet insistiet li l-pieni pekunjarji preskritti mil-ligi jigu erogati fil-konfront tal-appellat. L-Ewwel Qorti pero' ma qablitx ma dan u ma erogat ebda piena pekunjarja. Dan pero' fic-cirkostanzi kien in parte zbaljat.

Issa, fil-kaz tar-reati kontra l-Att tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, il-Qorti tista' taghzel li tapplika l-multa, **jew** il-piena karcerarja **jew** it-tnejn flimkien. Ghalhekk, la darba l-Ewwel Qorti applikat il-piena karcerarja, sia pure sospiza, ma kellhiex l-obbligu skond il-ligi li teroga piena tal-multa ukoll. Ghalhekk fil-kaz tal-imputazzjonijiet minn numru 12 san-numru 15, l-Ewwel Qorti ma jirrizultax li nizlet taht il-*minimum* u kienet libera li timxi bil-mod li imxiet u cioe' billi teroga biss piena karcerarja. Ghalhekk hawn ma kellhiex bzonn tinvoka w tapplika l-art. 21 tal-Kap.9 u setghet liberament timxi b' dan il-mod minnflok ma toqghod tfittex ragunijiet "specjali w straordinarji" biex taghmel dan. Konsegwentement fir-rigward ta' dawn l-ahhar erba mputazzjonijiet il-piena kienet entro l-parametri li l-ligi tippermetti w ma hemmx lok li d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti tigi sindakata.

Fil-kaz tal-imputazzjonijiet li jaqghu taht l-artikoli 16 (1) (j) u (n) u 17 (a) u (b) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa w cioe' il-hames sat-tmin imputazzjonijiet, il-piena preskritta mill-ligi hija dik ta' **"multa ta' mhux aktar minn hamest elef lira".** F' dan il-kaz ma hux applikabbli l-paragrafu (2) tal-istess artikolu li jghid li b' zieda ma din il-piena il-hati jkun jista' jehel multa ekwivalenti ghal daqs darbtejn id-dazju tas-sisa fuq dawk l-oggetti. Dan ghaliex dan il-paragrafu jirriferi ghall-kaz ta' sejbien ta' htija dwar nuqqas li jirraporta oggetti dazjabbli mehlusa ghall-konsum, li hija proprju d-dicitura uzata fl-art. 16 (1) (i) li tahtu l-appellat ma giex akkuzat pero'. Lanqas huma applikabbli l-paragrafi (3),(4),(5) u (6) tal-art. 16(2) li jipprovdu ghall-pieni jew sanzjonijiet ohra, ghax dawn ma jiriferux ghall-reati taht l-art. 16(1) (j) u (n). Ghalhekk f' dan il-kaz l-

Ewwel Qorti kienet obbligata li tapplika l-multa preskritta kif fuq intqal, ladarba kif gie deciz hawn fuq u ma kienx hemm raguni valida biex ma tapplikahiex oltre l-piena ta' prigunerija sospiza minnha erogata ghall-imputazzjonijiet l-ohra. Din il-multa trid tkun tirrispekkja l-gravita' tal-kaz odjern fejn l-ammont ta' dazju tas-sisa li gie evaz ma kienx wiehed zghir.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' parzjalment l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati tal-ewwel, it-tieni, l-hames, is-sitt, is-seba', it-tmin, id-disa', it-tnax, it-tlettax, l-erbatax u l-hmistax l-imputazzjoni w fejn ma sabitux hati tal-imputazzjonijiet l-ohra, kif ukoll fejn ikkundannat lill-appellat ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospiza ghall-erba snin u fejn ordnat il-konfiska tax-xorb alkoholiku esebit; u tirrevokaha fil-parti fejn iddikjarat li "*li ghandha takkorda piena bi tnaqqis taht il-minimu stabbilit mill-ligi, u dan eccezzjonalment in vista tac-cirkostanzi specjali u straordinarji ta' dan il-kaz*" fir-rigward biss tal-piena erogata ghall-hames, is-sitt, is-seba' it-tmin u d-disa' imputazzjonijiet u, minnflok, tikkundanna ukoll lill-appellat sabiex ihallas multa ta' ghaxart elef Ewro (E10,000.) (ekwivalenti ghall-erbat elef, mitejn u tlieta w disghin lira Maltin - LM4293) a tenur tal-artikolu 16 (1) (j) u (n) tal-Kap. 381 tal-Ligijiet ta' Malta

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------